MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Numru. 1243/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Clyde Bonavia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clyde Bonavia detentur tal-karta tal-identita` numru 410684(M).

Akkuzat talli fis-6 ta’ Novembru 2011 ghal habta tal-5:30 ta’ filghaxija, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, il-Belt Valletta;
1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi

jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Wara li kien ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal recitazzjoni, instab fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgazzar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu nstabu ghandu;

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, weggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;

5. Dagha fil-pubbliku;

6. Qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

Akkuzat ukoll talli rreda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkommetta reat waqt li kien taht ordni tal-probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani LLD nhar it-18 ta' Marzu 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal din ir-raguni u wara li rat l-Artikoli 96, 95(1), 287, 252(2), 342 u 338(bb) tal-Kap. 9 ssib lill-imputat Clyde Bonavia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Art 18(2) tal-Kap 446 qeghda tpoggih taht Probation Order flimkien ma' ordni ta' servizz fil-komunita` ghal zmien tlett (3) snin u ghal dan il-ghan stante li l-imputat digà qieghed taht probation order li tiskadi fit-18 ta' Marzu 2013, qeghda iggedded din il-Probation Order ghal sena ohra u cioe` li ghalhekk tkun tiskadi fit-18 ta' Marzu, 2014.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services (Mary Rose Vella).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------